MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-2 ta' April, 2014

Numru. 392/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Carl Ciantar**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Carl Ciantar ta’ 23 sena, iben Carmelo u Carmen nee` Vassallo, imwieled Pieta` fil-11 ta’ Settembru 1989 u joqghod Blokk D, Bieb A, Flat 4, Triq Pietro Gagliardi, Tarxien, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 421789M:

Akkuzat talli nhar il-25 ta’ Settembru 2012 fit-tlieta ta’ wara nofsinhar, gewwa r-residenza Blk D, Bieb A, Flat 4, Triq Pietro Gagliardi, Tarxien:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga Herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmannifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, wara li gie kkundannat f’Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess ta’ oggetti li ma jkunux tal-kundizzjoni tieghu, minghajr ma ta kont sodisfacenti ta’ kif ikunu gew legittimament ghandu.

3. U aktar talli sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija mill-Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu fis-seduta tat-3 ta' Frar 2014, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat. Hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fedina penali tieghu, fiz-zmien li saru r-reati in kwistjoni, liema fedina penali dak iz-zmien, kienet tikkonsisti f'kundanna wahda in konnessjoni *inter alia* ma' serq aggravat, dwar liema l-imputat gie kkundannat ghal sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal tliet snin.

Il-Qorti qieset illi waqt it-trattazzjoni finali, il-prosekuzzjoni ssottomettiet illi mhijiex tinsisti ghal sentenza ta' piena karcerarja effettiva anke ghaliex jidher illi, minn informazzjoni li kellha l-istess prosekuzzjoni, mid-data tal-

imputazzjonijiet odjerni, l-imputat iddahhal gewwa l-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin (dwar arrest preventiv u multa li giet ikkonvertita fi prigunerija) u ghamel progress. L-Ufficjal Prosekutur ghalhekk issuggerixxa illi l-imputat jitqieghed taht Ordni ta’ *Probation* sabiex jinghata ghajnuna anke fir-rigward tar-rijabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga eroina. F’dan ir-rigward, matul is-sottomissjonijiet taghha dwar il-piena, id-difiza qablet mal-prosekuzzjoni, fis-sens illi l-problema tal-imputat hija li huwa mahkum mill-vizzju tad-droga u li ghalhekk ghandu bzonn l-ghajnuna f’dan ir-rigward, izjed u izjed ghaliex fil-prezent huwa mhuwiex qed jigi segwit minn professjonisti. Id-difiza ssottomettiet ukoll illi l-imputat ghandu tarbija u qed jistenna tarbija ohra.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti taqbel mal-partijiet illi Ordni ta’ *Probation* tkun idonea.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 49, 50, 287 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula, u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446, qed tqieghdu that Ordni ta’ *Probation* ghal zmien tliet (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni hawn anness, liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ *Probation* jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-*Probation*.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole.*

Stante li ma gewx mahtura esperti f’dawn il-proceduri, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-hatja ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tal-affarijiet kollha relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument JV1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

In oltre ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna l-konfiska tal-martell esebit fl-atti bhala Dokument JV.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------